**16 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Amabile Borg ne.

*versus*

Joseph Schembri

**Azjenda — Ditta — Institur — Art. 68 u 63 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Biex wieħed jiġi nominat institur ta' azjenda kummerċjali ma hemm bżonn ta' ebda kitba; u l-liġi tirrikonoxxi l-institorija taċita, salva l-estensjoni tas-setgħat fir-rapporti tat-terzi.*

*L-institur jista' jistitwixxi f'isem id-ditta kull azzjoni għall-obligazzjonijiet imnisslin mill-attijiet magħmula minnu fil-linja tal-kummerċ li hu ġie nkarigat minnu mill-proprjetarji ta' dik id-ditta, u dan anki mingħajr ma jsemmi li qiegħed jaġixxi fl-isem tal-prinċipali tiegħu, u mingħajr il-ħtieġa tal-preżenza fil-kawża tal-prinċipali tiegħu.*

*Meta hu hekk jaġixxi, ikun qed jidher bħala institur tal-azjenda, u mhux in rappreżentanza ta' soċjetà kummerċjali; u għalhekk ir-regoli relattivi għas-soċjetajiet kummerċjali ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ.*

*Meta mbgħad il-konvenut ikun ikkuntratta obligazzjoni favur l-institur ta' ditta, u in segwitu dan jaġixxi kontra dak id-debitur għall-eżekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni, ma hux raġjonevoli li dak id-debitur jiddiskonoxxi fl-attur il-kwalità minnu allegata ta' institur ta' dik id-ditta.*

*In vista tal-premess, mhix aċċettabbli l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi d-ditta kreditriċi rappreżentata minn dak l-institur ma ġietx publikata skond il-liġi, u li ma hemm ebda prova li dik id-ditta tista' tiġi rappreżentata minnu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Onorabbli Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fejn l-attur nomine ppremetta illi bi skrittura privata taż-17 ta' Lulju 1957 il-konvenut iggarantixxa solidalment a favur tal-attur il-pagament tal-bilanċ ta' £53 li dan kien baqgħalu jieħu mill-kreditu tiegħu kontra Guido Fenech naxxenti minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru 1956, liema bilanċ kellu jiġi mħallas mill-imsemmi Guido Fenech b'rati ta' £4 fix-xahar mill-ewwel ta' Awissu 1957, bid-dekadenza f'każ ta' nuqqas ta' ħlas anki ta' rata waħda; u illi l-imsemmi Guido Fenech ma ħallas ebda rata, u għalhekk iddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess; u illi l-konvenut ġie nterpellat biex iħallas b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1957, u ma ħallasx; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji, u speċjalment dik li l-imsemmi Guido Fenech naqas li jħallas lill-attur ir-rati mensili ta' £4 skond il-ftehim, u b'hekk iddekada mill-benefiċċju tat-terminu, u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' £53 minnu dovuta bħala garanti solidali ta' Guido Fenech skond l-imsemmija skrittura; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li eċċepixxa (1) illi d-ditta "Relpet" rappreżentata mill-attur ma ġietx publikata skond il-liġi, u ma hemm ebda prova li tista' tiġi rappreżentata mill-attur; (2) illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija inkompetenti "ratione materiae"; (3)

u illi, fil-meritu, l-ebda somma ma hija dovuta mill-esponent;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Jannar 1958, fejn dik il-Qorti ddeċediet it-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija billi rriteniet li hija kompetenti "ratione materiae" u rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti tas-27 ta' Marzu 1958, fejn dik il-Qorti ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni fuq imsemmija billi rrespinġietha, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi dik il-Qorti, f'din l-aħħar sentenza, ikkunsidrat, rigward l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi mill-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia tal-5 ta' Frar 1958 (dok. X fol. 17) jirriżulta li l-ħanut bid-ditta "Relpet", flimkien mad-ditta "Vincenza Borg", huma komproprjetarji tagħhom Giuseppe, Giovanni u Clara, aħwa Borg, ħut l-attur, li minn mindu saru hekk komproprjetarji u komponenti tal-istess ditta, fit-termini tal-art. 61 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kienu istitwew bħala institur tagħhom lill-attur, li għadu personalment inkarigat, fil-fiss u b'salarju, mill-kummerċ tagħhom u mill-imsemmi ħanut tad-ditta "Relpet". Għalhekk jinsab pruvat soddisfaċentement li l-attur hu institur tal-ħanut tad-ditta "Relpet", u kwindi, fit-termini tal-art. 67 tal-imsemmi Kodiċi, huwa seta' jistitwixxi kull azzjoni f'isem l-istess ditta għall-obligazzjonijiet imnisslin mill-attijiet magħmula minnu fil-linja tal-kummerċ li ġie nkarigat jagħmel mill-komproprjetarji ta' din id-ditta, anki mingħajr ma jsemmi li qiegħed jaġixxi f'l-isem tal-prinċipali tiegħu (Vol. XXXVIII-III-948);

Illi, b'argument ta' dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru 1938, fil-kawża fl-ismijiet "La Rosa de Cristofaro vs. Rouselle" (Vol. XXX-I-701), ma kienx hemm bżonn li l-imsemmija ditta tiġi publikata;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, li biha dan appella

mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu 1958;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li biha dan talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, tas-27 ta' Marzu 1958, u l-laqgħa tal-eċċezzjoni maqtugħa b'dik is-sentenza, u konsegwentement il-ħelsien tiegħu mit-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ikkuntratta l-obligazzjoni in kwistjoni b'kitba privata favur l-attur preċiżament fil-kwalità li fiha qed jidher f'dik il-kawża għad-ditta "Relpet". Mhux raġjonevoli li l-lum il-konvenut jiddiskonoxxi fl-attur dik il-kwalità. L-attur allura kien, kif għadu sal-lum, l-institur tal-azjenda "Relpet", maħtur f'dik il-kariga mis-sidien tal-azjenda. Għall-għoti ta' dak l-inkarigu ma kien hemm bżonn ta' ebda kitba, għax il-liġi tikkontempla l-institorija taċita, salva l-estensjoni tas-setgħat fir-rapporti tat-terzi (art. 63 Kodiċi Kummerċ). Il-fatt li ġie maħtur institur minn tlieta minn nies f'daqqa, li kellhom u għandhom interess komuni bħala komproprjetarji fl-azjenda "Relpet", ma jbiddelx il-pożizzjoni. L-attur qiegħed jidher fil-kawża bħala institur tal-azjenda, u mhux in rappreżentanza ta' soċjetà kummerċjali; għalhekk ir-regoli relattivi għas-soċjetajiet kummerċjali ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ;

Għandu jingħad ukoll li l-attur lanqas ma jippretendi li huwa, u lanqas ma kkwalifika ruħu bħala rappreżentant ta' soċjetà, għax deher biss espressament għall-azjenda, li għaliha huwa prepost bħala institur. Id-dokument eżibit fil-fol. 17 tal-proċess jikkonferma l-kwalità tal-attur bħala institur; iżda wkoll mingħajru l-attur kien jirriżulta institur magħruf mill-konvenut stess, li f'dik il-kwalità kkuntratta favur tiegħu fl-obligazzjoni assunta skond id-dokument eżibit fil-fol. 5 tal-proċess, u li fuqu hija bażata l-azzjoni tal-attur. Bħala institur tal-azjenda, l-attur, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, seta' jħarrek lill-

konvenut f'dan il-ġudizzju għall-obligazzjoni magħmula fl-eżerċizzju ta' dik l-institorija mingħajr il-ħtieġa tal-preżenza fil-kawża tal-prinċipali tiegħu (art. 68 tal-Kodiċi tal-Kummerċ);

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.